**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Settembru, 2019**

**Rikors nru: 255/2014 AGV**

AB
Vs
CB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fl-14 ta' Frar 2019, li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 55 tal-Kodici Civili, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-partijiet.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 3 ta' April 2019, l-esponent ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghaliha purche l-kontijiet ghal konsum tad-dawl u l-ilma tad-dar matrimonjali mid-data li fiha l-esponent gie allontanat minn did-dar (skont digriet tal-4 ta' Frar 2014), jkunu a karigu esklussiv tal-attrici, minkejja li tali servizzi utilitarji ghadhom registrati f' isem l-esponent.

**IKKUNSIDRAT;**

Illi it-talba ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti giet introdotta fil-ligi taghna sabiex tiffacilita l-process ta' separazzjoni bejn koppja mizzewga, billi tkun tista' tinghata bhala sentenza *in parte* waqt is-smigh tal-kawza. L-effett ta' din is-sentenza huwa semplicement li l-komunjoni tal-akkwisti tieqaf mid-data tal-istess sentenza, u ghalhekk, minn dik id-data 'l quddiem, kull parti tkun tista' takkwista proprjeta' f'isimha, minghajr ma jkollha sehem il-parti l-ohra. Madankollu, dak li kien jifforma parti mill-komunjoni sad-data tas-sentenza jibqa' hekk impregudikat sa ma tigi likwidata l-komunjoni fis-sentenza finali.

L-unika riserva li tippermetti l-ligi hija jekk tali waqfien tal-komunjoni huwiex ser jikkawza pregudizzju lil parti jew ohra, liema pregudizzju jkun tali li ma jhallix rimedju adegwat lil dik l-istess parti. Fil-kaz odjern, il-konvenut iddikjara li m'ghandux oggezzjoni ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti mitlub mill-attrici, salv li jittiehdu in konsiderazzjoni l-ispejjez ta' dawl u ilma dovuti fuq il-fond matrimonjali mid-data li l-konvenut ma baqax jghix hemm, kif premess minnu fir-risposta. Il-Qorti gia' spjegat li l-waqfien tal-komunjoni jiddetermina stat ta' fatt mid-data tas-sentenza 'l quddiem. F'dan l-ezercizzju, il-Qorti ma tidholx fi tqassim ta' djun jew ta' assi favur parti jew ohra. F'dan l-istadju, il-Qorti tista' biss tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti m'ghadhiex fis-sehh mid-data tas-sentenza. Dak li sehh qabel irid jittiehed in konsiderazzjoni fis-sentenza finali meta l-komunjoni tigi likwidata. Ghalhekk, illum il-Qorti tista' biss

tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet issa waqfet, u tirriserva li tillikwida l-assi u d-djun tal-komunjoni fis-sentenza finali, meta l-partijiet ikunu ddikjaraw li ghalqu l-provi kollha taghhom u l-kawza tithalla ghas-sentenza.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba tal-attrici mhux opposta, u ghaldaqstant tiddikjara l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Imhallef Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**